TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 180

KAZ NRU 235

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

George Saliba

u

Messrs Simonds Farsons Cisk Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 21 ta' Settembru, 1984

CHAIRMAN: T PORTUGHESE B.A.(Hons), M.A.

B'ittra tad-19 ta' Jannar, 1983 l-Onor Ministru tax-Xoghol irrefera lil dan it-Tribunal, il-kaz fuq imsemmi skond l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976. It-Tribunal zamm seba seduti li fihom l-appellant kien irrapprezentat mis-Sinjuri Anthony Slowe, Manwel Borg u Paul Borg, President, Segretarju u Vici President rispettivament tal-Union Impjegati S.F.C. 1977; waqt li l-Kumpanija kienet irrapprezentata mis-Sur Alfred Mallia Milanes, Segretarju ta' l-Employers' Association, assistit mis-Sinjuri Paul Portelli u Arthur Muscat, Personnel Manager u Human Resources Manager rispettivament.

2. Statement of Case

(i) F'isem l-appellant gie sottomess li George Saliba tkecca minn ma Farsons nhar it-8 ta' Ottubru, 1982, wara snin twal fl-impieg, ghal dawn ir-ragunijiet: li ma kienx fuq il-beat tieghu bhala watchman. Huwa normali pero' li l-watchman f'certu hin jillarga minn postu biex imur jiehu t-te' fil-Gate House; li ntefa' d-dawl tal-Car Park, jigifieri li tfieh hu jew ippermetta li jintefa. Dwar dan gie sottomess li l-kumpanija l-ewwel akkuzatu li ma kellux ikun il-Gate House, imbaghad akkuzatu li ppermetta li jintefa' d-dawl jew li jsir serq. Akkuza ohra hi li kellu xkora zokkor fil-

.../2

karozza tieghu. Gie ddikjarat li l-kumpanija ghagglet meta qabdet u keccietu flok agixxiet bil-kalma biex jekk kien hemm xi htija zghira jittiehdu mizuri ohra ta' dixxiplina. Ghal dawn ir-ragunijiet, Saliba talab lit-Tribunal jaghti kull direttiva xierqa.

(ii) Il-Kumpanija ikkontrobattiet din it-tezi billi wieghet li Saliba tkecca fuq incident ta' serq bejn it-12 u t-13 ta' Settembru, 1982, Ir-ragunijiet tat-tkeccija kienu: li abbanduna l-post fejn kien imnizzel ghassa; gie misjub mis-Security Officers fuq beat ohra fejn ma kellu ebda raguni li jkun; tefa' jew ippermetta li jintefa' d-dawl li jirrifletti fuq il-Car Park waqt il-hin li saru xi irregolaritajiet meta hu kien prezenti fil-Gate House ghalkemm ma kienx il-post tal-ghassa tieghu; illi ghalkemm mistoqsi ghal diversi drabi, naqas li jghid lis-Security Officers min kien l-individwu li tefa' d-dawl u naqas li jikkonferma l-identita' ta' impjegati ohra li hargu mill-Gate House fil-hin li ntefa' d-dawl; ippermetta li johorgu llegalment diversi oggetti mill-Car Park Gate House; b'hekk ghen biex seta' jsir serq; ma taghax spjegazzjoni sodisfacenti ta' kif dak il-lejl xkora zokkor ta' l-istess marka li hemm fix-Sugar Stores tal-Birrerija, instabet gewwa l-karozza ta' l-istess Saliba li kienet ipparkjata fil-Car Park tal-kumpanija, dan kollu wassal biex inkiser is-sigill tal-fiducja tant bzonnjuz fil-kariga ta' Watchman.

3. <u>Xhieda</u>

It-Tribunal sema bir-reqqa kollha ghadd sinifikattiv ta' xhieda biex jigi delineat kwadru awtentiku tal-kaz in kwistjoni u biex ikollu elementi sufficjenti halli jikkonstata l-validita' u l-gustifikazzjoni tad-decizjoni finali tat-tkeccija. Il-qofol tax-xhieda hu impernjat fuq l-appellant innifsu; Carmelo Galea, ex Watchman ma Farsons; James Claridge u Leonard Spiteri, Security Officers tal-kumpanija li sostnew li raw b'ghajnejhom stess l-istampa kollha li fiha gew inseriti l-akkuzi kontra Saliba.

Ix-xhieda ta' l-appellant, ta' ibnu Ronald, ta' Carmelo Cawilleri, proprjetarju ta' hanut f'Hal Qormi, u ta' Carmelo Galea assumiet l-objettiv li jintefa' dell qawwi fuq l-akkuzi principali

.../3

kontra Saliba. Min-naha l-ohra, ix-xhieda sostanzjalment okulari ta' Claridge u Spiteri, ikkontribwiet biex tat veduti ampji ta' dak li huma raw u li sostanzjalment jikkostitwixxu l-akkuzi kontra l-appellant.

4. Access

It-Tribunal zamm access fil-birrerija ta' Farsons. Ra l-oggetti li allegatament kienu nsterqu fl-incident. Giet ipprezentata wkoll xkora taz-zokkor, u s-Sur Claridge kkonferma li dik kienet l-ixkora li ngabret mill-van ta' l-appellant. Gew esibiti wkoll gerry cans bid-diesel flimkien ma tliet gerry cans homor li ngabru mill-karozza ta' V Camilleri, kif ukoll erba' gerry cans suwed li nstabu fil-karozza ta' foreman. Gew esibiti wkoll zewg kaxxi tal-kartun mimlija b'105 flixkun mimli tal-Kinnie; u kaxxa tal-plastic b'23 flixkun tal-Kinnie mimlija; u erba' kaxxi mimlija bi flixken mimlija tal-birra b'95 flixkun. It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-ixkora fejn deher it-timbru ahmar li skond is-Sur Claridge hu kien ta fuq l-ixkora fil-prezenza ta' Saliba u tas-security officer l-iehor Spiteri. It-Tribunal ezamina wkoll il-Car Park, il-bieb li jiftah ghal gol-Car Park fejn hemm tliet switches. Gie osservat li d-distanza bejn is-sigra minn fejn Claridge u Spiteri osservaw l-allegati incidenti, u l-Gate House tal-Car Park, setghet tkun koperta fi 30/45 sekonda, skond l-osservazzjoni tas-Security Officers.

5. Sottomissjonijiet Finali

L-appellant issottometta li l-akkuzi migjuba kontrieh saru bil-ghaggla u li fil-fatt huma lkoll infundati. Ghajnejn Claridge u Spiteri huma offuskati bil-hegga taghhom li jghattu l-izball ta' l-akkuzi li ressqu kontra Saliba, ghax immaginaw li Saliba kien komplici ghax inzerta ghadu hiereg hdejn l-ohrajn wara li dawn lahqu ghamlu dak li kienu miftehmin li jaghmlu. L-appellant dejjem kellu kondotta nadifa.

Il-Kumpanija ddikkjarat li x-xhieda ta' Claridge u Spiteri ma thalli ebda dubbju dwar l-akkuzi ewlenin. Il-gaghda ta' Saliba ma thalli ebda dubbju li hu ma setghax ma jkunx jaf min tefa' d-dawl, barra li gie stabbilit ukoll li abbanduna l-post tax-xoghol

tieghu u ma ta ebda spjegazzjoni konkreta ghaliex instabet xkora zokkor fil-van tieghu li hu qal kienet ta' ibnu li kien halliha fil-van. Bl-agir tieghu flimkien ma watchmen ohra ppermetta li johorgu llegalment diversi oggetti mill-Car Park Gate House.

6. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal

Dan il-kaz idur konkretament fuq il-kredibilita' tax-xhieda, b'mod partikulari ta' l-appellant u taz-zewg Security Officers. Il-Union kellha l-iskop li titfa' dubji serji fuq dak li rrappurtaw is-Security Officers waqt ir-raid ghal gharrieda li ghamlu bil-lejl. Il-punt fundamentali jibqa' xi kredibilita' ghandha tinghata lix-xhieda taz-zewg Security Officers, x'interess seta' kellhom li jakkuzaw lil Saliba u x'interess seta' jkollha l-kumpanija. Dawn il-kalkoli ta' natura kemm globalment industrijali u parzjalment psikologici, jintrabtu mal-kriterji essenzjali tal-fatti kif gew stabbiliti minkejja d-dubji ikkreati. L-akkuzi migjuba kontra Saliba biex jigi . fi tmiem l-impieg tieghu huma ta' natura gravi hafna. Dawn l-akkuzi daqshekk gravi jridu jigi valutati fil-kuntest specifiku ta' l-obbligi li watchman jew security guard ghandhom fil-qadi ta' dmirijiethom. Jibqa' l-fatt li ma tistghax tiddefinixxi lill-appellant bhala kriminal professjonista.

Mill-banda l-ohra, il-kariga tieghu ta' watchman, tesigi atteggjament ta' lealta' assoluta lejn il-kumpanija. Mhuwiex biz-zejjed li jingiebu xhieda bl-iskop li jdghajjfu s-sostanza tax-xhieda ta' min ifformula l-akkuza principali. Biex din l-akkuza fundamentali titwaqqa' jrid jigi stabbilit bla ebda dubju li l-akkuzi kollha huma infundati.

Il-kriterji ta' kredibilita' lealta' u fiducja, jitolbu sitwazzjoni cara li telimina kull dubju jew dell fuq l-appellant. Huwa kellu l-funzjoni essenzjali li jwaqqa' l-akkuzi gravi mhux biss ta' kumplicita' indiretta, izda dawk intrinsikament industrijali tal-qadi skrupoluz tad-dmirijiet u tal-kollaborazzjoni assoluta mas-superjuri meta jsehhu fatti serji kontra l-kumpanija.

L-aspetti tal-fiducja, tal-lealta' u tal-kollaborazzjoni ghandhom importanza indispensabbli ghal min jokkupa pozizzjoni ta' watchman jew security guard.

Il-mizien baqa' mxaqleb favur dawn il-principji li l-appellant kiser, bl-imgieba, bid-dikjarazzjonijiet halli jipprova l-innocenza tieghu u bil-mankanza ta' kollaborazzjoni halli jigu definiti l-ismijiet kollha ta' dawk li hadu sehem biex jitwettqu atti kriminali li jissodisfaw biss l-ghattx egoistiku ta' min jahseb biss ghal rasu, jqis lill-kumpanija fejn jahdem bhala ghadu u bhala post minn fejn jista' jahleb li jrid.

Fic-cirkostanzi specifici ta' dan il-kaz, il-kumpanija agixxiet korrettament.

7. <u>AWARD</u>

Id-decizjoni tat-Tribunal hi wahda essenzjalment industrijali u b'hekk tirrigwardja l-aspetti li jiggustifikaw jew le t-tkeccija ta' l-appellant.

B'hekk it-Tribunal ma jistghax isib favur l-appellant u jtemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

T. PORTUGHESE
Chairman

Edw. F. Abela
A/Segretarju

Data: 21 ta' Settembru, 1984

ja